IL-KARDINAL LAVIGERIE U MALTA — (1)

Mal-mixja taż-żmien kienu bosta dawk il-prelati barranin ta' fama mondjali li ħolqu rabta mal-Gżira ta' Malta — gżira ċkejkna li dejjem uriet qalb kbira u ġeneruża fit-Twemmin Nisrani. Minn fost dawn il-prelati li, għal xi raġuni jew oħra, isimhom baqa' marbut ma' pajjiżna, nixtieq insemmi b'mod partikulari lill-Kardinal Charles Martial Allemand Lavigerie, li kien personalità ekkleżjastika dominanti tas-seklu li għadda. Ismu baqa' jissemma mhux biss fl-istorja tal-Knisja, iżda wkoll bħala benefattur kbir ta' l-umanità u speċjalment ta' Franza, fejn twieled u trabba, u ta' l-Afrika, fejn għex ħafna snin ta' ħajtu. Kien hemm min xebbhu ma' Napuljun għall-kobor u l-ħila tiegħu.

Il-ħsieb ta' din is-sensiela ta' artikli hija li naraw x'kienet sewwasew ir-rabta li kellu dan il-kardinal eminenti mal-Gżira ta' Malta, u biex nifhmuh aħjar, qabel xejn nagħti ħjiel bijografiku dwar ħidmietu u ħajtu.

F'din il-ħarġa qegħdin inġibu l-ewwel puntata ta' artiklu interessanti, miktub għal dan il-ġurnal mill-ħabib u kollaboratur tagħna s-Sur MICHAEL GALEA, wara riċerki li huwa għamel sew f'Malta u kemm barra. Aħna ċerti li ħafna mill-qarrejja tagħna ftit li xejn jafu bir-rabta kbira li dan il-prelat insinji tal-Knisja, il-Kardinal Lavigerie, kellu ma' Malta, u għalhekk żgur li japprezzaw it-tagħrif li ser jagħtina s-Sur Galea f'din is-sensiela.

Minn MICHAEL GALEA

Charles Martial Allemand Lavigerie twieled fil-31 ta' Ottubru, 1825, f'Baiona, fi Franza. Minn ċkunitu wera ruħu b'saħħtu, qalbieni u aħrax bħall-Pirinej, il-muntanji ta' art twelidu. Studja fis-seminarju minuri ta' Pariġi (Petit Seminaire de Paris), li direttur tiegħu kien l-Abbe' Dupaloup, bniedem ta' għerf u qdusija, Isqof ta' Orleans. Issokta l-istudji fis-seminarju ta' San Sulpizju, ġewwa Issy, fejn nibtet fih il-ħajra għall-missjoni, billi kien jisma' lill-Isqof ta' hemm, li kien missjunarju, jitħaddet fuq il-missjonijiet.

Meta daħal fis-seminarju maġġuri ta' Pariġi, Lavigerie ltaqa' ma' Ernest Renan, li apostata wara li kien ħalla s-seminarju. Iżda Lavigerie malajr mela l-vojt li ħalla Renan fis-seminarju. Aktar tard, Lavigerie kellu x-xorti li jkun immexxi minn Federico Ozanam, li għaraf jagħtih tagħlim kbir u twissijiet profondi. Fl-istess ħin, kellu x-xorti li jisma' l-kelma ta' P. Lacordaire, wieħed mill-aqwa oraturi tal-Knisja ta' dak iż-żmien. Lavigerie għażel bħala konfessur tiegħu lil P. De Ravignan, li ħajru jieħu f'idejh l-Opra ta' l-Iskejjel ta' l-Orjent, li kienet twaqqfet biex il-Lvant jingħaqad mal-Knisja Kattolika u ma' Franza.

Fil-kors ta' l-edukazzjoni u l-formazzjoni tiegħu, ħadu ħsieb ta' Lavigerie tlett arċisqfijiet ta' Pariġi: Mons. Affre kien tah is-sud-djakonat, Mons. Sibour ordnah djaknu u saċerdot, u Mons. Darboy xtaqu bħala suċċessur tiegħu, kif wara sar tabilħaqq, Isqof ta' Nancy. Lavigerie ordna saċerdot fl-1849. Sitt snin wara, ġie nominat l-ewwel Direttur ta' l-Iskejjel ta' l-Orjent, li ġa semmejt.

Il-Kardinal Lavigerie
(Ritratt bil-kortesija ta' l-arkivista, Casa Generalizia Padri Bianchi, Roma).

MISSJUNARJU FIDIL U AWTENTIKU

Fl-1860 il-Musulmani qerdu bosta eluf ta' nsara fil-Libanu. Quddiem dik il-qerda u dawk it-tbatijiet kollox, Lavigerie beda kruċjata ta' talb u ta' għajnuna. F'dik l-okkażjoni mar, għalhekk, fis-Sirja u fil-Libanu, biex igħin lir-refuġjati. Fi triqtu fuq dak il-vjaġġ, Lavigerie rifes għall-ewwel darba fuq gżiritna.

Lavigerie mar Ruma fejn, malul sentejn, huwa ħadem ippriedka, organizza. Fl-1863 ġie kkonsagrat Isqof ta' Nancy, fejn waqqaf istituti għall-foqra, għall-kleru u għall-vokazzjonijiet taż-żgħażagħ.

F'Novembru tal-1866 miet Mons. Pavy, Arċisqof tal-Alġiers, fl-Alġerija. Lavigerie ġie nominat mill-Papa Piju IX (1846-1878) li jkun is-suċċessur f'dik l-arċidjoċesi. Lavigerie laqa' bil-ferħ dik in-nomina għaliex fehem tajjeb li, għalkemm l-Alġerija kienet id-djoċesi tiegħu, bħala prelat twajjeb u ħabrieki li kien, ried jiddedika ruħu esklussivament għat-tixrid tal-Vanġelu qalb il-popolazzjoni ndiġena ta' dik ir-reġjun immensa. Lavigerie ħadem bis-sħiħ biex itejjeb mhux biss il-kundizzjoni morali, iżda wkoll dik politika u materjali tal-poplu fdat lilu.

Kien missjunarju fidil u awtentiku tal-Knisja u wera ruħu patrijott u appostlu ta' l-Affrika kollha. Wassal il-messaġġ ta' Kristu billi waqqaf skejjel u orfanatrofji, bena knejjes u għażel bnedmin devoti u qaddisa bħala missjunarji, mhux biss fl-Alġerija iżda wkoll f'inħawi mbiegħda bħas-Sudan, fejn ħafna minn dawn il-missjunarji marru hemmhekk jipperikolaw ħajjithom u saħansitra wħud minnhom waslu għall-martirju.

ĦADEM SABIEX JINQERED IL-JASAR

Il-ħidma assidwa, ħerqana u iebsa ta' Mons. Lavigerie ġiet rikonoxxuta mill-Papiet. Huwa kien maħbub mill-Papiet. Kien iżurhom spiss u kien dejjem jitlob il-barka u l-approvazzjoni tal-Papa għall-proġetti tiegħu.

Insibuh ukoll fit-Tunisija. Kien patrijott ġenwin. Ġurnal Taljan ta' l-epoka kkummenta: "Il-preżenza biss ta' Lavigerie fit-Tunisija tiswa armata għal Franza!" Iżda kull fejn tella' l-bandiera franċiża, Lavigerie daħħal ukoll il-Fidi Kattolika u l-Vanġelu ta' Kristu. Wara Franza kien iħobb l-Affrika, u biex jikkonvertiha ried jaħdem bi sħiħ u jbati ħafna. Għallem liż-żgħażagħ ħalli jkunu bħalu appostli li jagħtu d-dawl lill-Affrika.

Mons. Lavigerie kien għadu fl-Affrika meta mar għandu P. Girard ta' San Vincenz ta' Pauli bi tliet seminaristi, li riedu joffru ruħhom għall-apostolat. Lavigerie għaarfhom sewwa u malajr fehem il-ħrara u l-eroj̄iżmu tagħhom. Kienu dawn sewwa sew l-ewwel tliet missjunarji li bdew jissejħu l-"**Patrijiet il-Bojod**". Dan il-Prinċep tal-Knisja, Mons. Lavigerie, huwa bi dritt kollu meqjus bħala l-fundatur tas-Soċjetà jew Ordni tal-"**Patrijiet il-Bojod**". Kienu jissejħu hekk peress li dawn il-missjunarji kienu jilbsu l-abjad. Dan ġara fl-1868.

Sadattant Lavigerie ħadem biex titneħħa l-iskjavitù u jinqered in-negozju ta' l-ilsiera fl-Affrika.

(Ikompli)